



# L-ewwel snin tas-Seklu Għoxrin u l-qagħda soċjali fil-Mosta

Dr George Cassar

Mal-qalba tas-seklu miċ-ċensiment tal-1901 nafu li l-abitanti fil-Mosta kienu jlaħħqu l-4,365 ruħ u dan ifisser li mill-aħħar ċensiment li kien sar fis-seklu dsatax, għaxar snin qabel, il-komunità Mostija kienet żdiedet b'140 ruħ. Ma kinitx qabża kbira u dan juri li l-popolazzjoni f'dak iż-żmien kienet waħda x'aktarx stabbli mingħajr wisq nies ġejjin u sejrin u bi twelidijiet u mwiet li bejn wieħed u ieħor kienu jibbilanċjaw lil xulxin.

Mil-lat ekonomiku Malta fl-ewwel snin tas-seklu gawdiet minn ċerta prosperità ekonomika għax ħafna Maltin li sa ftit qabel kienu bla mpjieg, sabu x'jagħmlu bix-xogħol li nħoloq fil-kostruzzjoni ġewwa t-Tarzna ta' Malta u aktar u aktar bil-bini tal-brejkwoter għall-Port il-Kbir. Xogħol navali li sar minħabba li Malta kienet bażi important tar-Royal Navy Ingliża fil-Mediterran. Inbnew baċiri matul l-aħħar parti tas-seklu dsatax b'nefqa ta' miljun u nofs liri u mal-bidu tas-seklu għoxrin inbeda x-xogħol tal-bini ta' brejkwoter biex jipproteġi l-flotta mill-grigalati u minn xi attakk bit-torpidows. Sal-1906 in-nefqa kienet telgħet għal miljun lira u dan il-proġett ħaddem lill-Maltin kollha li riedu jaħdmu fih barra li kellhom jinġiebu aktar ħaddiema mill-Italja u minn Spanja biex ix-xogħol jitlesta f'ħin tajjeb.[1]

Kien hawn xogħol u qliegħ ta' flus għal kull min xtaq jaħdmu, u dan il-ġid jidher li nħass sew qalb il-poplu għax fiċ-ċensiment tal-1911 il-popolazzjoni tal-Mosta telgħet għal 5,783 ruħ, li ssarraf f'żieda ta' 1,418-il ruħ fuq medda ta' għaxar snin. Din il-qabża kienet akbar minn kemm żdiedu n-nies fir-raħal matul is-seklu kollu li kien għadu kif għadda.

Din iċ-ċerta prosperità, madankollu, għebet malajr għax sal-1905 in-nefqa militari niżlet u bħala konsegwenza tela' n-numru ta' nies qiegħda li żdiedu ma' dawk li kienu diġà bla xogħol. Id-dilemma għall-Maltin, u xejn inqas għall-Mostin, kienet li jew imutu bil-ġuħ f'art twelidhom jew inkella jmorru jfittxi xorti aħjar f'xi pajjiż ieħor. Kien għalhekk li ħafna raw li l-unika triq li kellhom f'dak il-mument kienet li jemigraw u jippruvaw jibdew ħajja ġdida bit-tama ta' prospetti aħjar għalihom u għall-familji tagħhom f'xi art barranija.[2]

F'din is-sitwazzjoni mwiegħra xi Mostin ħasbu li jkun aħjar jekk jittantaw isifru u jaraw kif imorru. L-Amerika kienet art li dehret interessanti. Kien Dun Pietru Pawl Zarb, kappillan tal-parroċċa ta' Floresville ġewwa Texas mill-1898, li kiteb Malta fl-1910 biex iħajjar bdiewa jemigraw lejn il-parroċċa tiegħu. Fil-*Malta Herald* tal-11 ta' Novembru 1910 kien hemm miktub li tkun ġennata mill-kbar li opportunità tad-deheb bħal din titħalla tintilef. L-appell ta' Dun Pietru Pawl jidher li ntlaqa' minn xi bdiewi l-aktar mill-Mosta u minn Ħal Luqa. Il-Kumitat tal-Emigrazzjoni approva l-appell tal-qassis Malti u ġie organizzat bank fejn dawk imħajra jemigraw kienu jpoġġu s-soldi li jkunu warrbu u b'hekk ikollhom biex iħallsu l-passaġġ għal Galveston jew New Orleans u minn hemm jivvjaġġaw lejn Floresville bil-ferrovija. Madankollu kienu l-ftit li ġemmgħu biżżejjed biex iħallsu l-passaġġ lejn il-kontinent Amerikan u l-proġett ta' Floresville spiċċa fix-xejn.[3] Din ma kinitx l-ewwel esperjenza għall-Mostin fl-Amerika. Nafu li anki qabel qaleb is-seklu diġà kien hemm numru ta' bdiewa u oħrajn li jkabbru l-frott li kienu emigraw minn Malta u stabilew ruħhom f'California, fl-Istati Uniti. Dawn kienu emigranti mill-Mosta, Ħal Lija, Ħal Balzan, Ħ'Attard u Għawdex.[4]

Meta ix-xogħol ma jkunx assikurat ma kienx ikollok triq oħra ħlief li tfittxu x'imkien ieħor. San Francesco kienet waħda minn dawn il-postijiet. Ħafna Mostin spiċċaw hemm. Nagħtu bħala eżempju l-każ ta' missier Paċikk Vella li kienu jsibuhom bħala 'tal-Bażwank'. Dan jirrakkonta li meta hu kellu xi tmien snin, madwar l-1913, missieru ddeċieda li jmur l-Amerika biex ifittex ix-xogħol. Ħalla l-familja hawn u erħiela lejn San Francesco. Dan missier Paċikk kien jaqta' l-ġebel mill-barriera, imma fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin ma kienx hawn daqstant attività fil-qasam tal-bini. Kienu jaqtgħu l-ġebel u ma joħorġuhx għax il-bini kultant żmien kien ikun wieqaf. Għalhekk emigra u ħalla lil martu u tlettax-il wild warajh.[5]

Il-Mostin kienu qed iħarsu wkoll in-naħa l-oħra tal-globu, jiġifieri lejn l-Awstralja. Ma kienx vjaġġ faċli imma l-bżonn iġiegħelek tagħmel dak li ma tridx. Il-ħtieġa ta' xogħol u futur aktar fis-sod ħeġġeġ lill-Mostin, bħal ma għamel lil ħuthom il-Maltin l-oħra, biex jissograw u jippruvaw. Fil-bidu tas-seklu għoxrin numru ta' Mostin bdew jerħulha lejn il-kontinent Awstraljan. Marru ħafna lejn Mackay u ħadmu kull fejn kien hemm ix-xogħol bħal fil-kannamieri taz-zokkor, imma mhux inqas f'xogħlijiet oħra bħall-ġarr tal-frott.[6] Saħansitra n-nisa

kienu jagħtu sehemhom f'dan ix-xogħol. Fid-distrett ta' Mackay l-ewwel żewġ nisa Maltin li ssetiljaw hemm fl-1915 kienu Mostin. Kienu Mostin minn Strada Ponente. L-ewwel tifel ta' emigranti Maltin li twieled f'Mackay kien minn omm Mostija.[7]

Il-Maltin fl-Awstralja ma kellhomx ħajja faċli. Mhux biss għax ix-xogħol kien iebes, imma wkoll għax kien hemm diskriminazzjoni kontrihom mill-Awstraljani li ma kinux jarawhom Ingliżi biżżejjed, anzi ma kienu jarawhom Ingliżi xejn. Kienu mqabbla man-nies tal-Asja. Kien hemm kritika qawwija kontra l-Maltin għax kienu jgħidu li dawk jitkellmu b'lingwa impossibbli biex tifhimha u li kienu jmorru kullimkien ħafjin. Ma ras l-Awstraljani weħlu l-Mostin, u dawk minn Ħad-Dingli u ż-Żejtun. Skont kitba f'*The Daily Malta Chronicle* ta' Awwissu 1912, intqal li dawn il-ftit emigranti kienu qed iwaqqgħu l-fama tal-Maltin l-oħra. Kienu deskritti bħala injoranti, ikklassifikati bħala nies tal-kulur u ebda Awstraljan jew Ingliż ma kien irid jaħdem magħhom.[8]

Madankollu, l-Mostin bdew isiefru u dan deher fin-numru tal-popolazzjoni tar-raħal li issa reġgħet bdiet tonqos. Tant hu hekk li fl-1921 l-għadd tan-nies fil-Mosta kien 4,866 li jfisser 917-il ruħ anqas mill-għadd irreġistrat fiċ-ċensiment ta' għaxar snin qabel. Mela f'għaxar snin il-komunità tal-Mosta kienet niżlet qrib l-elf ruħ u dan juri b'liema rittmu kienu qed iħallu r-raħal l-abitanti Mostin.

Il-qagħda ekonomika matul l-ewwel għoxrin sena tas-seklu għoxrin kienet diffiċli ħafna tant li għaqdiet fil-Mosta raw in-numru ta' membri fihom nieżel sew. Il-Banda Nicolò Isouard, per eżempju, tant ġiet affettwata negattivament b'din is-sitwazzjoni li kien hemm żmien li kellha tnaqqas drastikament l-attività tagħha. Is-soċi bdew jitnaqqru minħabba l-emigrazzjoni. Flus fl-idejn ma kienx hawn, aktar u aktar meta kienet għaddejja l-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-18), u l-fond fejn kien hemm il-każin tas-Soċjetà kellu jingħalaq. Hekk il-bandisti komplew kif setgħu.[9]

Ta' min jgħid li bejn l-1914 u l-1918 kien hemm il-Gwerra l-Kbira jew aħjar l-Ewwel Gwerra Dinjija. Għalkemm il-ġlied ma laħaqx ix-xtut Maltin, xorta waħda kien hemm effett fuq il-ħajja ta' kuljum tal-gżira. Numru ta' Maltin kienu fil-forzi armati u fosthom kien hemm xi Mostin. Jista' jissemma' qassis Mosti li mar Gallipoli fl-1915 biex jagħti s-servizzi spiritwali lill-Maltin tal-Malta Labour Corps li kienu qed iservi f'dan it-teatru tal-gwerra. Dan kien Dun Ġużepp Dimech 'Ta' Ċensa' li skont *The Daily Malta Chronicle* tal-10 ta' Settembru 1915, akkumpanja saċerdot militari ieħor, Dun Ġ. Versin, fil-vjaġġ lejn id-Dardanelli fuq l-istess vapur.[10] Fost il-mejtin matul dan il-perjodu ta' ġlied kien hemm ukoll numru żgħir ta' Mostin li ħallew ħajjithom għall-Imperu Ingliż li Malta kienet tagħmel parti minnu. L-ismijiet tagħhom jinstabu fuq il-Monument għall-Qalbenin Mostin, ma' dawk li mietu fi gwerrer oħra.

Esperjenza ta' diffikultà f'dawn iż-żminijiet għaddiet minnha wkoll il-banda l-oħra tal-Mosta li kienet għadha kif twaqqfet, il-Banda Santa Marija. Għamlet madwar sitt snin u kellha tagħlaq il-bibien bħala banda għax ħasset l-istess problemi tal-każin l-ieħor, għalkemm baqgħet tidher fil-listi tal-baned Maltin ta' dawk iż-żminijiet.[11]

L-emigrazzjoni u l-qagħda ekonomika mwiegħra laqtu ħażin ħafna wkoll il-Musta Oratory Troop of Boy Scouts li twaqqfet fit-tieni deċennju tas-seklu għoxrin. L-iskawts batew ukoll mill-fatt li l-fundatur tagħhom, Dun Edgar Salomone, kien ħalla it-truppa biex mar iservi bħala kappillan militari fid-Dardanelli matul il-Gwerra l-Kbira. Ftit snin wara t-twaqqif, numru ta' skawts u l-mexxejja tagħhom telqu lejn l-Amerika u l-Awstralja biex isibu ħajja aktar stabbli.[12]

Il-Mostin bdew jemigraw bil-kbir. Biżżejjed jingħad li r-rapport fuq l-emigrazzjoni għas-sena 1928-29 juri li mill-Mosta marru erbgħin persuna lejn l-Awstralja. Dan kien l-ogħla numru minn lokalità waħda f'dik is-sena.

U l-fama tal-Mostin għall-emigrazzjoni jidher li tant kienet magħrufa li kienu jgħidu li, "Is-safar għall-Mostin qisu qegħdin jieħdu tazza ilma". L-aktar li marru kien lejn San Francisco fejn sas-snin sebgħin kien hemm komunità ta' madwar 7,000 Mosti u Mostija minn total ta' 17,000 Maltin li ssetiljaw hemm.[13]

L-ewwel parti tas-seklu għoxrin kienet karatterizzata minn żminijiet ta' diffikultà sostanzjali li r-residenti tal-Mosta ħassew u ħassew bil-kbir. Il-ħajja trid tkompli u l-Mostin raw kif għamlu biex verament ħajjiethom mhux biss tkompli imma jekk jista' jkun titjieb ukoll, anki jekk l-isforzi u s-sagrifiċċji li kellhom jagħmlu kienu kbar u drastiċi.


***Referenzi:***

1. A.V. Laferla, *British Malta*, ii (Malta, 1947), 163-4.
2. A.G. Clare, 'Features of an Island Economy', V. Mallia-Milanes (ed.), *The British Colonial Experience: The impact on Maltese society* (Malta, 1988), 152.
3. L.E. Attard, *Early Maltese Emigration (1900-1914)* (Malta, 1983), 31-3.
4. *Ibid.*, 34.
5. P.P. Borg, *Snajja' u Xogħol il-Maltin*, i (Malta, 2000), 254-5.
6. C. Baretta & L. Schembri, *From Humble Beginnings: Mackay Maltese pioneers 1883-1940* (Mackay, Queensland, 2001), 267, imma ara tul il-ktieb għal eżempji oħra.
7. *Ibid.*, 248-9
8. Attard, 51.
9. Ara dwar il-Banda f'dan iż-żmien, Ġ. Bonnici, *125 sena mit-twaqqif tal-Banda Nicolò Isouard fil-Mosta 1871-1996* (Malta, 1996), 10-1; S. Dimech, 'Żminijiet ta' sfida għas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard', M.D. Schembri (ed.), *Mustensia*, i (Malta, 2002), 22-6.
10. J.A. Mizzi, *Gallipoli: The Malta connection* (Malta, 1991), 103.
11. G.A. Grech, 'Il-bidu u l-ewwel żminijiet tas-Soċjetà Filarmonika Santa Marija tal-Mosta', G. Cassar (ed.), *Ex Annalibus Mustæ* (Malta, 2005), 8.
12. C. Vella, 'Il-bidu ta' l-Iscouts fil-Mosta', Soċjetà Filarmonika Santa Marija, Mosta, *Annwal 2002* (Malta, 2002), 49. G. Cassar, "Onwards *Mosta*": The life and times of the *Mosta Scout Group 1916–2008* (Malta, 2009), 18, 23.
13. E.B. Vella et al., *Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha* (Malta, 1972 / 1986), Żieda XV, 506.